MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 105/2005

**Elizabeth Bugeja**

**vs**

**Anthony sive Tony Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta’ Frar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attrici s-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti ammont ta’ flus mislufin brevi manu lill-konvenut;

2. Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra interpellatorja datata l-4 ta’ Jannar tas-sena 2004, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata d-9 ta’ Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-azzjoni hija improponibbli u dan stante illi hija bbazata fuq kawza illecita essendo li si tratta ta’ uzura lampanti li llum il-gurnata jikkostitwixxi reat kriminali;

2. Illi fit-tieni lok l-attrici naqset milli tindika n-numru tal-karta ta’ l-identita’ tal-konvenut u ghalhekk ma hijiex konformi ma’ l-Artikolu 174 (2) (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess l-eccipjent jeccepixxi li l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent hallas dak kollu legalment dovut lill-attrici;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal datat l-24 ta’ Mejju tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attrici ddikjarat li l-pretensjoni taghha ma taqbizx il-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu jigi puntwalizzat is-segwenti rigward l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati:

a. Rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari:

1. Illi f'dan ir-rigward ma ingiebet l-ebda prova;

2. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda;

3. Illi tigbed biss l-attenzjoni ta' min hu dovut li ghandu jinvestiga tali allegazzjoni jekk ikun il-kaz;

b. Rigward it-tieni eccezzjoni preliminari:

1. Illi l-karenza sollevata f'din it-tieni eccezzjoni tirrizulta ampjament;

2. Illi nonostante dan, kwalunkwe irregolarita' sollevata giet debitament rimedjata ai termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12;

3. Illi ghaldaqstant, anke din it-tieni eccezzjoni preliminari qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu jirrizulta in sintesi s-segwenti:

1. Illi l-attrici sellfet l-ammont ta' tmint elef Lira Maltin lill-konvenut, u dan ghaliex il-partijiet kienu konoxxenti ta' xulxin u jahdmu fl-istess ambjent;

2. Illi dan is-self kien ilu jsir u l-konvenut jidher li kien jirritorna l-ammonti lilu mislufa;

3. Illi l-ammonti mislufa lill-konvenut mill-attrici kienu jigu lilu mislufa ghaliex jidher li kien ferm persistenti biex jilhaq dan l-ghan tieghu;

4. Illi sa l-mument meta l-konvenut waqqaf il-pagamenti rateali tieghu ta' rifuzjoni, jirrizulta li kellu dejn ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

5. Illi l-konvenut isostni li m'ghandu jaghti xejn aktar lill-attrici;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-konvenut kien jisellef ammonti konsiderevoli minghand l-attrici;

Illi ghalkemm jissemma' li saret skrittura ghand xi nutar baqghet ma ngiebet l-ebda prova ta' dan;

Illi mix-xhieda taghha l-attrici tidher ferm aktar affidabbli;

Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li l-attrici ippruvat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement ghar-ragunijiet fuq indikati:

1. Tichad l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut;

2. Takkolji t-talbiet attrici u allura tichad ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenut;

3. Tikkundanna lill-konvenut Anthony sive Tony Muscat biex ihallas lill-attrici Elizabeth Bugeja, l-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), mislufin lilu mill-attrici "brevi manu", bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------